**ALTERNATTIVA DEMOKRATIKA – The Green Party**
**10, Manwel Dimech Str., Sliema.**

**LAQGĦA TA' KONSULTAZZJONI MILL-KUMMISSJONI FAMILJA**
**ma ALTERNATTIVA DEMOKRATIKA**
illum it-Tnejn, 30 ta' April, 2007

AD tqis il-familji bħala pern importanti ta' politika nazzjonali għal diversi raġunijiet. Inqisu l-familji bħala sors ta' edukazzjoni, wens, kontinwita` u stabilita` personali u soċjali, solidarjeta`, *fulfilment* f'relazzjonijiet dejjiema u sens ta' sigurta` lil kull membru tal-familja b'mod partikulari lit-tfal.

Fid-diskussjoni fuq il-familji nixtiequ nisiltu dawn il-punti:

1. Filwaqt li hemm mudell ta' familja meqjuż bħala tradizzjonali, l-istat għandu jirrikonoxxi li hemm diversi forom ta' familji li wkoll għandhom jiġu ndirizzati u rikonoxxuti bħala mudelli applikabbli għal min jidħol għalihom. Għaldaqstant, kull politika soċjali u edukattiva għandha tirrikonoxxi dan il-fatt u tipprovdi għalih. Dan sabiex titnaqqas l-esklużjoni u l-istigma soċjali li tmur kontra l-interessi ta' dawk l-iktar dgħajfa speċjalment it-tfal. Dan għandu jevita diskors totalizzanti li jaħbi id-sitwazzjonijiet ta' privileġġ jew żvantaġġ bħallikieku 'il-familja' tirreferi għal mudell wieħed, dejjaq u speċifiku. Dan għandu jagħmilha iktar faċli biex mudelli ta' żvantaġġ jew emarġinazzjoni isiru iktar viżibbli u għalhekk jiġu ndirizzati. L-istatistika li ssemmiet ftit ilu fejn intqal li tifel/tifla minn kull ħamsa jgħix fil-faqar għalhekk għandha tingħata attenzjoni partikulari. Kemm familji qed jgħixu taħt il-limiti ta' poverta`? X'tip ta' familji huma? X'tip ta' passi jistgħu jittieħdu biex familji bħal dawn jintrefgħu minn sitwazzjonijiet bħal dawn?

2. Hemm bżonn politika li tindirizza il-pressjonijiet esterni li jeżistu fuq il-familja. Dritt bażiku ta' kull familja huwa li jkollha saqaf diċenti fuq rasha. Bis-sitwazzjoni fejn il-prezzijiet tal-propjeta` qed jogħlew bis-siegħat, ilna li wasalna f'sitwazzjoni ta' familji bi kriżi finanzjarja. Speċjalment għal familji fil-bidu tagħhom, pressjoni bħal din jaf qed ikollha effetti diżastrużi fuq il-ħin ta' kwalita`, komunikazzjoni u serħan tal-moħħ li huma ndispensabbli biex il-familji jibqgħu b'saħħithom. Quddiem sitwazzjoni bħal din l-istat ma jistax jabdika mir-responsabilita` li jfassal politika li tindirizza din il-

kwistjoni. Ma jistax ikun li nibqgħu inħallu f'idejn is-suq biex jirregolarizza sitwazzjonijiet soċjali. Huwa wkoll f'dan id-dawl li AD qed tenfasizza il-bżonn li jsiru emendi għall-liġijiet tal-kera. Mingħajr intervent mill-istat, is-sitwazzjoni tiggrava hekk kif il-banek jgħollu ir-rati ta' interessi fuq is-self minħabba iktar kompetizzjoni fuq tifdil fis-suq bankarju.

3. Bżonn ta' servizzi ta' *childcare*: S'issa ħafna familji jiddipendu fuq il-familjari biex jieħdu ħsieb lit-tfal fl-assenza tal-ġenituri. Filwaqt li huwa fatt li jista' jkun hemm l-aħjar intenzjonijiet, dan l-arranġament mhux dejjem jaħdem fl-interess tat-tfal. Dan ifisser li l-istat għandu jgħin biex familji li qed isibu diffikulta` f'dan il-kuntest ikunu mgħejuna minn strutturi professjonali ta' kura għat-tfal li tikkumplimenta il-kura li hija responsabilita` primarja tal-ġenituri. Ma dan hemm ukoll il-bżonn li nkomplu nrawmu kultura ta' *family friendly measures* għan-nisa u għall-irġiel biex il-familji ikunu iktar f'pożizzjoni li jindukraw lit-tfal tagħhom. F'dan is-sens l-għola istituzzjonijiet tal-pajjiż (fosthom il-parlament) għandhom jibdew jagħtu l-eżempju b'arranġamenti ta' xogħol li jirrispettaw lill-familji. Għandhom jiżdiedu l-isforzi biex il-mudell patriarkali li qajla jirrispetta il-ħiliet u l-ugwaljanza bejn ir-raġel u l-mara jiġu bil-mod il-mod mibdula għal sitwazzjoni fejn il-responsabilitajiet tal-familja jinġarru indaqs bejn l-irġiel u n-nisa.

4. L-edukazzjoni tal-familja huwa proċess li għandu jibda mill-iskola kemm fil-kurrikulum formali u dak informali. L-esperjenza ta' rispett reċiproku, *management* tal-ħin, *management* tal-flus, aspetti ta' ugwaljanza, sens ta' priorita`, teamwork, empatija, altruiżmu u ħafna attributi oħra, għandhom ikunu il-pern ta' kull sistema edukattiva speċjalment fil-mod kif jiġu ttrattati t-tfal. Ix-xhieda fl-aħħar mill-aħħar tagħti l-aħjar eżempju. Fl-istess waqt, ikun utli li l-esperjenza pożittiva ta' preparazzjoni għal familji ġodda mill-knisja permezz tal-Moviment ta' Kana, ikun mgħejjun mill-istat. Hemm bzonn ukoll ta' spazju ta' preparazzjoni minn lenti sekulari biex tilħaq ukoll lil dawk li ma jħossuhomx komdi f'kuntest denominazzjonali. Tieħu wisq l-impressjoni li l-istat qed jinvesti flus u riżorsi meta il-familji ikunu fi krizi milli jinvesti f'xogħol preventiv li jaf inaqqas mill-uġiegħ u tbatija ta' ħafna nies.

5. Nirrikonoxxu l-fatt li b'xorti ħażina, mhux kull rabta ta' żwieġ tirnexxi. F'sitwazzjoni bħal din, l-istat ma jistax jibqa' jordom rasu fir-ramel u jġib ruħu qisu li sitwazzjonijiet bħal dawn ma jeżistux. Agħar minn hekk, l-istat malti waqa' f'kontradizzjoni li filwaqt li ma jirrikonoxxix divorzju f'Malta, jirrikonoxxi divorzju ta' maltin miġjub minn pajjiż ieħor. L-AD hija b'mod kategoriku favur familja b'saħħitha. Huwa wkoll minħabba f'hekk li temmen li kull individwu għandu jkollu d-dritt li jifforma familja ġdida f'każ li żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment. Nemmnu li d-divorzju mhu impozizzjoni fuq ħadd. Huwa ammissjoni li għal xi wħud, jaf ikun ċans ieħor li tiġi ffurmata familja ġdida. L-assenza ta' divorzju ma jagħmilx il-

familja iktar b'saħħitha.  Sempliċiment inkunu qed nagħlqu għajnejna għal sitwazzjoni ta' nies li daħlu f'relazzjonijiet oħra li minħabba l-għamad ta' l-istat, id-drittijiet tagħhom mhumiex qed jiġu imħarsa.  Nemmnu għalhekk fi proċess ta' għajnuna għall-familji:  Għandu jkun hemm possibilita` ta' preparazzjoni serja, politika li tnaqqas il-pressjonijiet esterni fuq iż-żwieġ, għajnuna meta iż-żwieġ ikun għaddej minn baħar imqalleb, u rimedju f'każ li jkun ippruvat li iż-żwieġ ikun  irrimedjabbilment falla.